Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1180

29.5.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/1180

tat-28 ta' Mejju 2026

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM Ukraine/1/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 2014/486/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine), inkluż, b'mod partikolari, id-deċiżjoni li taħtar Kap tal-Missjoni.

(2) Fl-14 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1353 ([2]), li testendi l-mandat tal-EUAM Ukraine mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2027.

(3) Fid-29 ta' April 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/850 ([3]), li testendi l-mandat tas-Sur Rolf Michael Hay Pereira HOLMBOE bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM Ukraine mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2026.

(4) Fit-22 ta' Mejju 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Rolf Michael Hay Pereira HOLMBOE bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM Ukraine mill-1 ta' Ġunju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2026 u l-ħatra tas-Sa Cornelia Taylor bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM Ukraine mill-1 ta' Lulju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027.

(5) Għalhekk jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Rolf Michael Hay Pereira HOLMBOE bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM Ukraine mill-1 ta' Ġunju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2026 u dwar il-ħatra tas-Sa Cornelia Taylor bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM Ukraine mill-1 ta' Lulju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Rolf Michael Hay Pereira HOLMBOE bħala l-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) jiġi estiż mill-1 ta' Ġunju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2026.

([1]) ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/486/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1353 tal-14 ta' Mejju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L, 2024/1353, 15.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1353/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/850 tad-29 ta' April 2025 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM Ukraine/1/2025) (ĠU L, 2025/850, 5.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/850/oj).

Artikolu 2

Is-Sa Cornelia TAYLOR hija maħtura bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM Ukraine mill-1 ta' Lulju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2026.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

L. MANDEL VENSILD